MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2008

Citazzjoni Numru. 283/2005

**A.**

**-vs-**

**B.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentata fit-22 ta’ Awissu, 2005 li permezz tagħha l-attur ippremetta:

Illi l-attur u l-konvenuta żżewġu fit-30 ta’ Ottubru, 1999 kif jirriżulta miċ-ċertifikat taż-żwieġ anness u mmarkat bħala Dok. LD1;

U li l-kunsens ta’ l-attur għaż-żwieġ imsemmi nkiseb b’qerq dwar kwalita’ tal-konvenuta li mix-xorta tagħha

fixklet serjament il-ħajja miżżewġa kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

U li l-kunsens tal-konvenuta għaż-żwieġ imsemmi kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha li, kif ukoll jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, għamlitha mpossibbli għall-istess konvenuta li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

U li l-kunsens tal-partijiet inkiseb bl-esklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ;

U li għalhekk iż-żwieġ bejn il-partijiet kien null u nvalidu fil-liġi;

Għaldaqstant, tgħid il-konvenuta għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandiex għar-raġunijiet premessi:

Tiddeċiedi u tiddikjara li ż-żwieġ bejn il-partijiet tat-30 ta' Ottubru, 1999 fuq imsemmi kien null u nvalidu għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta li hija minn issa nġunta għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet, ippreżentata fit-30 ta' Settembru, 2005, li permezz tagħha l-konvenuta eċċepiet bir-rispett:

1. Illi l-esponenti tirrimetti ruħha għad-deċiżjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti a bażi tal-provi li ser jiġu prodotti mill-partijiet fuq iż-żwieġ in eżami tul it-trattazzjoni ta' din il-kawża, filwaqt illi żżomm ferm id-dritt tagħha li tippreżenta eċċezzjonijiet ulterjuri u sottomissjonijiet tagħha jekk ikun il-każ.

2. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali.

Rat l-affidavits ta' l-attur u ta'omissis.

Rat l-affidavit tal-konvenuta.

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-14 ta' April, 2008 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qiegħed jitlob l-annullament taż-żwieġ kontrattat bejn il-partijiet fl-1999 a bażi ta' l-Artiklu 19(1) (d) u (f) tal-Kapitlu 255 tal-Liġijiet ta' Malta. Il-konvenuta ma topponix għat-talba attriċi u rrimettiet ruħha għall-ġudizzju tal-Qorti, iżda kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin; "*F'materja ta' żwieġ illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax tagħmilha daqshekk faċli li parti tirrepeti kliem il-liġi u l-parti l-oħra tammetti u b'hekk jirrendu ż-żwieġ annullabbli bl-iktar mod faċli u espedjenti. Hawn ma aħniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabbilta' ta' xi kolliżjoni imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax tħalli nies li kappriċċożament wara xi żmien ta' żwieġ jiddeċiedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iż-żwieġ u meta jkollhom sieħba jew sieħeb ieħor jerġgħu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirriżultaw verament raġunijiet għall-annullament tiegħu l-istess żwieġ għandu jiġi annullat pero' dan ma għandux ikun sabiex jiġu akkomodati l-kapriċċi ta' dak jew l-ieħor. Għalhekk il-kawżali għall-annullament għandha tirriżulta ċara u mingħajr dubju.*" (Anna Tonna vs Alexander Tonna deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991).

L-artikli ċitati mill-attur jirrigwardaw:

19 (1) (d) – vizzju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-ħajja miżżewġa jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali tagħha jew b'anomalija serja

psikoloġika li tagħmilha mpossibbli li dik il-parti taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta' xi parti jkun inkiseb b'esklużjoni pożittiva taż-żwieġ jew xi element essenzjali tiegħu, jew tad-dritt għall-att taż-żwieġ.

Mill-provi mressqa jirriżulta li l-attur huwa membru tal-Knisja Evanġelika Battista u ltaqa' mal-konvenuta, ta' nazzjonalita' barranija, f'waħda mill-konferenzi li torganizza perjodikament din il-Knisja. Bdew jiltaqgħu regolarment u l-konvenuta rritornat Malta minn pajjiżha għal dan il-għan u żżewġu ftit ġimgħat wara peress illi l-konvenuta qalet lill-attur illi kienet ippersegwitata f'pajjiżha minħabba r-reliġjon tagħha. Iż-żwieġ qatt ma ġie kkonsmat u l-konvenuta mill-ewwel marret tgħix għal rasha. F'Ottubru 2001 iżżewġu bir-rit Evanġeliku u kien hawnhekk illi l-partijiet kellhom relazzjoni sesswali, iżda dawn skond l-attur kienu minimi għall-aħħar. Darba l-konvenuta marret tara lil niesha f'pajjizha u ġabet magħha neputija mingħajr ma nformat lill-attur. Hawnhekk ir-relazzjoni bejn il-partijiet marret għall-agħar u qatt ma reġgħu ġew tajbin u spiċċaw biex isseparaw.

Il-konvenuta da parti tagħha kkonfermat parti kbira mill-affidavit ta' l-attur iżda żżid tgħid illi l-attur qatt ma ried ikollu tfal u qatt ma ried ikollu relazzjoni mal-familja tagħha.

Kollox ma' kollox il-Qorti tħoss illi l-iskop prinċipali tal-konvenuta kien illi tibqa' tgħix Malta mingħajr xkiel, filwaqt illi l-attur jidher li ma huwiex bniedem li jista' jersaq għaż-żwieġ mingħajr preparazzjoni serja li kienet palesament nieqsa meta żżewġu l-partijiet.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talba attriċi u tiddikjara null iż-żwieġ bejn il-kontendenti kontrattat fit-30 ta' Ottubru, 1999. L-ispejjeż ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------